MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2006

Numru 5742/2006

**Il-Pulizja**
**(Spettur Mario Haber)**

**v.**

**Gamil Abu Bakr**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat b'urgenza l-bierah filghaxija mill-Avukat Generali li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid ta' Gamil Abu Bakr wara li dan gie mehlus mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-2 ta' Frar 2006;

Rat id-digriet taghha li bih appuntat is-smigh ta' dana r-rikors ghal-lum fid-9.30 a.m., prevja n-notifika tal-imputat intimat;

Semghet lill-imputat intimat Gamil Abu Bakr li fisser li l-bierah huwa informa lill-avukat difensur tieghu, Dott. Chris Cardona, bl-appuntament ghall-lum;

Wara li nnutat li l-imsemmi avukat baqa' ma deherx, innominat biex jassisti lill-imputat intimat lill-Avukat ta' l-Ghajnuna Legali Dott. Joseph Mifsud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – cioè lill Avukat Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-Avukat Generali u lill-Avukat Dott. Joseph Mifsud ghall-imputat intimat – kif ukoll lill-Ispettur Mario Haber bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dana r-rikors huma, brevement, is-segwenti:

1. Gamil Abu Bakr (li ghalkemm imwieled Khartoum, fis-Sudan, ghandu cittadinanza Maltija kif jirrizulta mill-passaport u l-karta ta' l-identità tieghu ezibiti a fol. 13 tal-attijiet ta' l-istruttorja) tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-8 ta' Dicembru 2005 akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 337A tal-Kodici Kriminali (traffiku fil-persuni biex dawn jiddahlu jew jinhargu barra minn Malta bi ksur tal-ligi, aggravat bin-numru tal-persuni) kif ukoll bir-reat ta' assocjazzjoni ghall-fini ta' dan ir-reat (Artikoli 48A u 337A).

2. It-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet michuda minn dik il-Qorti fl-udjenza tat-8 ta' Dicembru 2005 "minhabba biza' li l-imputat jabskondi u biza' ta' intralc tal-provi" (fol. 4);

3. Wara li fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2005 (fol. 5) ma seta jsir xejn minhabba li l-avukat difensur ta' l-imputat, Dott. Chris Cardona, ma deherx, il-provi bdew jinstemghu quddiem il-Qorti Istruttorja fid-19 ta' Dicembru 2005. Fil-bidu ta' din l-udjenza tad-19 ta' Dicembru 2005 l-ufficjal prosekutur (l-Ispettur tal-Pulizija Mario Haber) <u>talab li tizdied l-akkuza tar-recidiva</u>. <u>Il-Qorti awtorizzat din iz-zieda u d-difiza ezentat lill-Qorti milli terga' taghmel l-</u>

ezami mill-gdid ta' l-imputat. F'dik l-udjenza, u qabel ma l-Qorti tat id-digriet taghha (fol. 44) li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u baghtet l-attijiet ta' l-istruttorja lill-Avukat Generali, gie trattat rikors ta' l-imputat tas-16 ta' Dicembru 2005 ghall-helsien mill-arrest (fol. 41), li kien gie oppost mill-Avukat Generali b'risposta bil-miktub tad-19 ta' Dicembru 2005 (fol. 39). B'digriet moghti fl-20 ta' Dicembru 2005 il-Qorti Istruttorja cahdet it-talba (ara fol. 43).

4. Permezz ta' nota ta' rinviju tat-23 ta' Jannar 2006 maghmula skond l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali baghat l-attijiet lura lill-Qorti Istruttorja b'zewg talbiet: it-tieni talba kienet *"biex tisma' kull prova ohra li ggib il-pulizija"*, filwaqt li l-ewwel talba kienet tghid hekk: *"in vista taz-zieda fl-akkuza mitluba mill-prosekuzzjoni fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2005, u irrispettivament mill-ezenzjoni tad-difiza, (i) terga' tisma' r-rapport bil-gurament ta' l-ufficjal prosekutur, (ii) terga' tezamina, bla gurament, lill-imputat, u (iii) wara li terga' tisma' l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni (salv ezenzjoni tad-difiza fir-rigward tas-smigh tal-provi biss), terga' tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza"*.

5. Fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2006, wara li l-Qorti ordnat lill-ufficjal prosekutur sabiex jaghmel dak indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju hawn fuq imsemmija, id-difiza talbet li, fid-dawl ta' l-ewwel talba ta' l-Avukat Generali, *supra*, kif ukoll "fid-dawl illi l-imputat ilu fi stat ta' arrest mit-8 ta' Dicembru 2005...illi l-Qorti tiddikjara illi l-arrest hu wiehed illum illegali u dan peress illi skada t-terminu ta' arrest". Il-Qorti Istruttorja ppronunzjat ruhha hekk: *"Il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet jitrattaw il-legalità tal-arrest ta' l-imputat in vista ta' dak mitlub mill-Avukat Generali minkejja dak indikat fil-verbal tad-19 ta' Dicembru 2005, tqis l-arrest bhala wiehed illegali u ghalhekk tordna l-helsien mill-arrest immedjat ta' l-istess imputat."* Wara li dik il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk, inqrat l-akkuza (recte: akkuzi) biz-zieda, gie konfermat kollox bil-gurament ta' l-ufficjal prosekutur, sar l-ezami mill-gdid ta' l-imputat, id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni

milli terga’ tisma’ l-provi, u l-kawza giet differita ghas-16 ta’ Frar 2006 fil-11.30 a.m. ghall-kontinwazzjoni.

6. L-Avukat Generali, permezz ta’ l-odjern rikors, qed jitlob ir-riarrest tal-imputat Gamil Abu Bakr. Huwa qed jinvoka kemm is-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali (liema subartikolu jaghmel referenza ghas-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 409A), kif ukoll ghas-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 574A.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti f’dan il-kaz ma tarax li l-Artikolu 412B huwa ta’ xi relevanza, ghalkemm tifhem li l-Avukat Generali, rinfaccat b’decizjoni xejn motivata ghal dak li jirrigwarda l-bazi ta’ l-allegata “illegalità ta’ l-arrest”, invoka anke dana l-artikolu *in subsidium*.

Issa, dak li jidher li gara f’dan il-kaz hu li l-Qorti Istruttorja, rinfaccata bl-ewwel talba ta’ l-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju tieghu, setghet fehmet li dak li kien qed isir kienet kumpilazzjoni gdida. Anke, però, li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, fit-2 ta’ Frar 2006 imbdiet kumpilazzjoni gdid – li ma hux il-kaz – din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-arrest ta’ l-impuatat fit-2 ta’ Frar 2006 seta b’xi mod jitqies bhala illegali. Mhux biss kien hemm il-mandat ta’ arrest originali mahrug mill-Magistrat fis-6 ta’ Dicembru 2005 fir-rigward tar-reat ta’ traffikar fil-persuni, izda mit-8 ta’ Dicembru 2005 sat-2 ta’ Frar 2006 l-imputat intimat kien arrestat in forza tal-konvalidazzjoni ta’ l-arrest maghmula mill-istess Qorti Istruttorja fit-8 ta’ Dicembru 2005 – effettivament kien arrestat taht il-gurisdizzjoni u bl-awtorità tal-Qorti. Apparti dan, però, fit-2 ta’ Frar 2006 ma inbdiet ebda kumpilazzjoni gdida. In-nota ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali, maghmula skond l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali u mhux skond l-Artikolu 432(2), kienet proprju intiza biex “tissokta l-kumpilazzjoni” fir-rigward tar-reat il-gdid tar-recidiva kif jipprovdi l-Artikolu 435(2) tal-Kodici Kriminali – fit-test Ingliz *“...shall continue the inquiry and shall proceed in respect of such other offence”*. Huwa veru li l-Avukat Generali *ex abundanti cautela* talab lill-Qorti Istruttorja li terga’ tiddeciedi jekk kienx hemm jew le

ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, però fir-realtà tali decizjoni ma hi b'ebda mod mehtiega. Huwa inkoncepibbli, in fatti, li f'dana l-istadju dik il-Qorti, wara li digà qalet li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza fuq l-imputazzjonijiet dedotti li jipotizzaw ir-reati ta' traffikar fil-persuni u assocjazzjoni, issa tiddeciedi bil-kontra semplicement ghax hemm iz-zieda ta' l-imputazzjoni tar-recidiva.

Thares kif thares lejn il-kaz, ma jista' b'ebda mod jinghad li Gamil Abu Bakr kien, fit-2 ta' Frar 2006, arrestat illegalment fit-termini tas-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputat Gamil Abu Bakr ghall-finijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet premessi u li ghadha ghaddejja. Tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi insert fl-attijiet tal-istruttorja, u li kopja tieghu tinghata wkoll lill-imsemmi Gamil Abu Bakr.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------